MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2020

Rikors Kostituzzjonali Numru 56/19 LM

**Frank Vella (K.I. 56457M) u Saviour Vella (K.I. 685360M)**

***vs.***

**Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika); u Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Kostituzzjonali ppreżentat fit-12 ta' April, 2019 mir-rikorrenti **Frank Vella** (K.I. 56457M) u **Saviour Vella** (K.I. 685360M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ssottomettew dan li ġej:

1. *Illi r-rikorrenti huma l-ulied u l-eredi tal-mejjet George Vella li miet fid- 9 ta' Settembru, 1998 (vide ċertifikat tat-twelid – Dok. 1-2, ċertifikat tal-mewt tal-imsemmi George Vella – Dok. 3, Testment – Dok. 4, riċerki testamentarji, Dok. 4.1 u 4.2);*

2. *Illi l-imsemmi George Vella miet kaġun ta' kanċer ikkaġunat esklussivament mill-espożizzjoni għall-asbestos, magħruf bħala Malignant Mesothelioma (vide kawża tal-mewt fiċ-ċertifikat tal-mewt Dok. 3 kif ukoll il-histology Dok. 5);*

3. *Illi George Vella kien jaħdem mal-Malta Drydocks bħala Fitter u dam ħajtu kollha sakemm irtira fis-sena 1982, u qatt ma kellu impjieg ieħor (vide ċertifikat tal-impjieg tal-Jobs Plus anness u mmarkat Dok. 6);*

4. *Illi matul il-perijodu kollu li George Vella kien impjegat fit-Tarzna, l-asbestos kien 'staple material' fl-imsemmija korporazzjoni u kien jintuża f'ammonti kopjużi mingħajr l-ebda kontroll effettiv;*

5. *Illi ilu għexieren sħaħ ta' snin magħruf li l-espożizzjoni għall-asbestos tikkaġuna dannu serju għal saħħet il-bniedem, twassal għal mard serju u tista' wkoll tikkaġuna l-mewt;*

6. *Illi minkejja tali għarfien, l-awtoritajiet tas-saħħa, naqsu milli jinfurmaw dwar tali perikolu u naqsu li jipprovdu lil George Vella bi protezzjoni legali u fattwali adekwata biex jilqgħu għall-ħsara kkaġunata mill-asbestos, u infatti miet minħabba tali espożizzjoni;*

7. *Illi l-espożizzjoni għall-asbestos u l-effetti tiegħu affettwat b'mod negattiv il-kwalità tal-ħajja tar-rikorrenti li ġew imċaħħda prematurament minn preżenza sinifikanti f'ħajjithom u li kienu flimkien mal-familjari tagħhom jassistu fil-kura paljattiva ta' missierhom minħabba mard inġustament u intortament kontrattata minnu u għalhekk jissodisfaw il-kriterji biex ikollhom locus standi bħala vittmi u dan ai termini tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem applikabbli f'Malta tramite l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant għall-fatti u għar-raġuni fuq premessi, u għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw matul il-proċedura odjerna, ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li fil-konfront individwali tar-rikorrent ġie vjolat:-*

1) *Id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn, ai termini tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, applikabbli ukoll lokalment via l-Kap. 319 fuq ġia riferit;*

2) *Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tal-individwu ai termini tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, applikabbli f'Malta permezz tal-Kap. 319 fuq ġia riferit;*

3) *Id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata fit-termini tal-paragrafu preċedenti però f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt għall-informazzjoni dwar perikli marbutin mal-asbestos;*

4) *Tikkwantifika kumpens xieraq bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet fundamentali fuq indikati jew liema minnhom fil-konfront tar-rikorrenti individwalment;*

5) *Tillikwida dan l-ammont ta' kumpens;*

6) *Tordna li l-ammont hekk likwidat bħala rimedju pekunjarju jitħallas lir-rikorrenti individwalment.*

Rat ir-Risposta tal-intimati **Tabib Prinċipali tal-Gvern** u **l-Avukat Ġenerali** (minn issa 'l quddiem "l-intimati") li ġiet ippreżentata fl-14 ta' Mejju, 2019, fejn eċċepew:

1. *Illi għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-ilmenti tar-rikorrenti, qabel xejn ir-rikorrenti jeħtiġilhom juru li l-mejjet George Vella kien tassew espost għall-asbestos u kif ukoll li l-kanċer malinju li nstab fuqu kien konsegwenza u kawża unika tal-fatt li l-imsemmi George Vella kien espost għall-asbestos. F'dan il-kuntest ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew esebiti mar-rikors li l-kanċer żviluppa minħabba li l-mejjet kellu kuntatt mal-asbestos;*

2. *Tabilħaqq mhux daqstant differenti minn kawżi ċivili ordinarji, għalkemm hawn qegħdin fil-kamp kostituzzjonali, ir-rikorrenti xorta jridu jippruvaw in-ness tal-kawżalità u ma jistgħux jistrieħu fuq sempliċi suspetti, ipoteżijiet u konġetturi, kif hekk qed jidher li qed jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors kostituzzjonali tagħhom;*

3. *Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab imsejjes fuq l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt għall-ħajja, kif imħares bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan huwa assolutament bla bażi kemm bħala fatt u bħala dritt, peress li ħadd mill-intimati intenzjonalment ma qiegħed ħajjet ir-rikorrenti fil-perikolu jew b'xi mezz ċaħħadhom mill-jedd għall-ħajja tagħhom;*

   *Fis-sewwa ħadd mill-intimati ma kellu l-animus necandi li jneħħi ħajjet ir-rikorrenti jew l-animus nocendi li jikkaġuna xi ħsara għal saħħet ir-rikorrenti;*

4. *Illi dwar l-ilment tar-rikorrenti, marbut mal-jedd tal-privatezza kif protett taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent josserva li r-rikorrenti ma elaboraw xejn dwar din ix-xilja. Tassew imkien fir-rikors kostituzzjonali ma ġie spjegat b'liema mod l-intimati indaħlulhom fi ħwejjiġhom jew fil-ħajja privata tagħhom jew tal-familja tagħhom. Għalhekk in kwantu dan l-ilment ma ġiex suffiċjentement imfisser, dan għandu jiġi mwarrab ukoll;*

5. *Madankollu biex l-argument ikun sħiħ, l-esponenti assolutament jiċħdu bħala fatt li huma ndaħlu jew ħadu xi miżuri biex jikkompromettu jew ifixklu l-ħajja privata jew tal-familja tar-rikorrenti;*

6. *Illi dejjem mingħajr ħsara għal dak li ngħad aktar kmieni, b'mod ġenerali jingħad li l-Gvern Malti ħa dawk il-miżuri meħtieġa, inkluż bdil fil-liġi, biex jindirizza l-problema tal-asbestos karċinoġenu fit-Tarzna. Tassew malli l-Gvern sar jaf bil-periklu ta' dan il-materjal, huwa ħa ċertu passi rimedjali biex jiġi evitat il-periklu. Infatti l-amministrazzjoni tat-Tarzna pprovdiet maskri u tagħmir protettiv lill-ħaddiema u ġie żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata għaddejja;*

7. *Mhux fi żmien daqshekk imbiegħed l-istess asbestos kien meqjus bħala wieħed mil-aqwa materji prima biex isolvu problemi ta' insulazzjoni. Hekk kif il-Gvern Malti sar jaf bir-riskju ta' dan il-materjal, inbeda proċess biex jitneħħa dan il-materjal u saħansitra għadda liġijiet biex iwaqqaf l-importazzjoni tiegħu. Naturalment però dan il-proċess kellu jieħu ż-żmien tiegħu għaliex l-asbestos ma setax jisparixxi f'daqqa waħda;*

8. *Jiġi b'hekk li l-Gvern Malti ma jistax jitqies responsabbli li ma pprojbixxiex l-użu tal-asbestos jew li naqas milli jxerred tagħrif dwar il-perikli sanitarji marbuta mal-espożizzjoni tal-asbestos malli sar jaf b'mod konklussiv bl-effetti negattivi tiegħu fuq saħħet il-bniedem;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Ikkunsidrat il-provi imressqa mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Novembru, 2019, l-avukati difensuri tal-partijiet ingħataw l-opportunità li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rati in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Ir-rikorrenti huma wlied u eredi ta' George Vella, li ġie nieqes fid-9 ta' Settembru, 1998 wara marda terminali li kienet ħakmitu. Ir-rikorrenti jgħidu li l-marda li ħakmet lil missierhom fl-aħħar snin ta' ħajtu kienet ikkawżata direttament minn espożizzjoni għall-*asbestos,* materjal li kien jintuża ħafna fuq il-vapuri u fit-Tarzna fejn missierhom kien ħadem għal bosta snin, u kienet il-marda tal-*malignant mesiothelioma* li eventwalment itterminatlu ħajtu. L-ilment ewlieni tar-rikorrenti huwa li għalkemm ilu magħruf għal diversi snin li l-*asbestos* jikkawża dannu serju għal saħħet il-bniedem, l-awtoritajiet tas-saħħa naqsu milli jinfurmaw lil missierhom b'dan il-periklu, u naqsu milli jipprovdulu protezzjoni legali u fattwali sabiex l-użu kontinwu ta' dan il-materjal fil-post fejn kien jaħdem ma jpoġġilux ħajtu f'periklu. Dan in-nuqqas tal-intimati ħalla effett negattiv fuq ħajjithom, partikolarment għax il-ħajja tal-familja tagħhom ġiet affettwata negattivament meta missierhom marad u kellhom iduru bih sakemm eventalment tilef ħajtu.

Fit-talbiet tagħhom ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara li ġie vvjolat id-dritt fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tal-ħajja, u li l-ħajja tal-individwu ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn, kif sanċit bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u qegħdin jitolbu ukoll li l-Qorti tiddikjara li ġie vvjolat d-dritt fundamentali tagħhom għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja *ai termini* tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu wkoll li l-Qorti tiddikjara li n-nuqqas ta' informazzjoni dwar il-ħsara li jikkawża l-*asbestos* jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali għar-rispett lejn il-ħajja. Permezz ta' azzjoni odjerna r-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti tikkwantifika

l-kumpens dovut lilhom bħala rimedju għal ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Min-naħa tagħhom l-intimati eċċepew li r-rikorrenti għandhom iġibu prova li d-defunt George Vella kien espost għall-*asbestos* u li l-marda li ħakmitu fl-aħħar snin ta' ħajtu żviluppat direttament minħabba l-kuntatt li huwa kellu ma' dan il-materjal. L-intimati eċċepew ukoll li bl-ebda mod ma jista' jingħad li kellhom l-intenzjoni li jqiegħdu ħajjet George Vella fil-periklu jew li b'xi mod iċaħħduh mid-dritt għall-ħajja. L-intimati jsostnu li la kien hemm l-intenzjoni u lanqas il-ħsieb ta' xi ħadd mill-intimati li jqiegħdu ħajjet id-defunt Vella f'periklu ċar jew f'sitwazzjoni li tista' tipperikolalu saħħtu jew ħajtu. L-intimati eċċepew ukoll li ma kien hemm ebda indħil min-naħa tagħhom jew li b'xi mod ittieħdu miżuri sabiex jikkompromettu jew ifixklu l-ħajja privata tad-defunt George Vella. L-intimati jsostnu li malli l-Gvern ta' Malta sar jaf bir-riskju li l-użu tal-*asbestos* kien qiegħed iġib miegħu, kien ħa passi biex dan il-materjal jitneħħa miċ-ċirkolazzjoni u pprojbixxa l-użu tiegħu. L-intimati jikkontendu li l-Gvern ta' Malta ma jistax jitqies li huwa responsabbli li ma pprojbiex l-użu tal-*asbestos,* jew li naqas milli jxerred tagħrif dwar il-perikli tiegħu, u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jiġu milqugħha.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors kostituzzjonali mressaq minnhom, ir-rikorrenti ppreżentaw kopji taċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom, bħala prova li huma wlied u eredi tad-defunt George Vella[1]; kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' George

[1] *A fol.* 4 u 5 tal-proċess.

Vella, minn fejn jirriżulta li dan miet kawża ta' '*Adeno Carcinoma*'[2]; kopja tat-testment *unica charta* li d-defunt George Vella kien għamel flimkien ma' martu Helen Vella, fejn jirriżulta li r-rikorrenti huma l-uniċi eredi ta' George u Helen Vella[3]; kopja tar-riċerki testamentarji li saru fuq isem George Vella[4]; kopja tas-*cytology report,* fejn irriżultaw l-ewwel indikazzjonijiet tad-dijanjosi li saret rigward il-marda li kien qiegħed isofri minnha missier ir-rikorrenti[5]; u kopja tar-rapport tal-patologu li għamel id-dijanjosi tal-marda, fejn irriżulta li:

> *"The histochemical and immunohistologic profile is suggestive of mesothelial origin rather than an adenocarcinoma."*[6]

Ir-rikorrenti ppreżentaw ukoll kopja tal-*employment history* tad-defunt George Vella, fejn jirriżulta li għall-perijodu bejn it-30 ta' Marzu, 1959 u s-27 ta' Awwissu, 1982, dan kien impjegat mal-Malta Drydocks.[7] Permezz ta' nota tal-15 ta' Mejju, 2019, l-atturi ppreżentaw kopja tax-xhieda mogħtija mill-**Professur Joseph Cacciattolo** fl-atti tal-kawża fl-ismijiet **George Spiteri *vs. Policy Manager* tal-Malta Shipyards et**[8], fejn xehed dwar in-natura tal-marda tal-*mesothelioma* u t-trattament tagħha.

Il-**Professur Joseph Cacciattolo**[9] kien xehed illi huwa kien Kap tad-Dipartiment tal-Mediċina ġewwa l-Università ta' Malta, u kien jaħdem ukoll bħala *consultant respiratory physician* ġewwa l-Isptar San Luqa. Ix-xhud kien spjega li *pleural mesothelioma* hija tip ta' kanċer li taffettwa r-rita tal-pulmun, u qal li hemm ness kawżali bejn l-espożizzjoni għall-*asbestos* u l-imsemmija marda. Ix-xhud qal li l-ewwel darba li nstabet evidenza xjentifika tal-imsemmi ness bejn

[2] *A fol.* 6 tal-proċess.
[3] *A fol.* 7 tal-proċess.
[4] *A fol.* 10 u 11 tal-proċess.
[5] *A fol.* 12 tal-proċess.
[6] *A fol.* 13 tal-proċess.
[7] *A fol.* 14 tal-proċess.
[8] Fl-atti tar-rikors kostituzzjonali numru 30/2009.
[9] *A fol.* 24 tal-proċess.

l-użu tal-*asbestos* u dan it-tip ta' kanċer kien fl-1938, u fis-sena 1960 diġà kien hemm rivisti u ġurnali mediċi li kienu qegħdin jippubblikaw rapporti dwar dan. Żied jgħid li fl-1960 il-*British Medical Journal* kien kien diġà qiegħed jippubblika studji xjentifiċi li kienu saru dwar il-ħsara kkawżata mill-*asbestos*. Ix-xhud kompla jgħid li fejn ikun hemm evidenza li sustanza karċinoġenika qiegħda tikkawża ħsara f'saħħet il-bniedem, l-awtoritajiet tas-saħħa għandhom l-obbligu li jinfurmaw lit-tobba u li jieħdu passi preventivi f'dak ir-rigward.

Ir-rikorrenti ppreżentataw ukoll kopja tax-xhieda tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika f'Malta, **Dr Ray Busuttil**[10], mogħtija fl-isemmija kawża fl-ismijiet **George Spiteri *vs.* Policy Manager tal-Malta Shipyards et**. Dan ix-xhud kien qal li bejn l-1956 u l-2010, id-Dipartiment tas-Saħħa kellu bejn sitt u tmien *files* li fihom tissemma l-kelma *asbestos.* Qal li madanakollu fuq livell nazzjonali ma kien hemm l-ebda direzzjoni dwar l-użu tas-sustanza tal-*asbestos.* Qal li hu kien taħt l-impressjoni li t-Tarzna ta' Malta kellha tim ta' persuni li kienu jservu bħala punt ta' riferiment għal ħaddiema li kellhom domandi jew diffikultajiet dwar l-użu tal-*asbestos,* iżda d-Dipartiment tas-Saħħa ma kellux dawn il-faċilitajiet. Ix-xhud qal li d-Dipartiment tas-Saħħa jagħmel diversi kampanji ta' informazzjoni pubblika dwar is-saħħa, u dawn isiru abbażi tal-prioritajiet li jiġu identifikati minn żmien għal żmien.

**Antonia Vella**, mart ir-rikorrent Francis Vella, fl-*affidavit* tagħha[11] qalet li hija kkwalifikata bħala infermiera, u meta marad missier ir-raġel tagħha hija kienet tieħu ħsiebu. Ix-xhud qalet li d-defunt George Vella kien bniedem b'saħħtu kemm fiżikament kif ukoll fil-karattru tiegħu, u kien bniedem konxju ħafna tas-sigurtà. Ix-xhud qalet li d-defunt George Vella ma kien isofri minn l-ebda

---

[10] *A fol.* 27 tal-proċess.
[11] *A fol.* 30 tal-proċess.

mard kroniku, u ma kien jieħu l-ebda tip ta' mediċini qabel marad. Żiedet tgħid ukoll li qabel marad, George Vella kien bniedem attiv u indipendenti ħafna, u sa madwar sena qabel miet dan kien għadu jdur b'martu u b'oħtu li t-tnejn kienu morda. Ix-xhud qalet li bdiet tinnota li George Vella beda jkollu n-nifs batut madwar sena qabel miet. Ix-xhud qalet li darba fost l-oħrajn, hi u r-raġel tagħha kienu rċevew telefonata mingħand missier ir-raġel tagħha li kien infurmahom li kien qiegħed iħossu muġugħ u li kellu n-nifs batut. Qalet li hekk kif id-defunt George Vella ddaħħal l-Isptar, u bdew isiru l-ewwel testijiet mediċi, it-tim mediku mill-ewwel issuspetta li dan kien qiegħed isofri minn problemi kkawżati mill-*asbestos,* partikolarment wara li ttieħdu d-dettalji tal-pazjent u dan informa lit-tim mediku li huwa għamel żmien twil jaħdem fit-Tarzna. Ix-xhud kompliet tgħid li meta waslu r-riżultati patoloġiċi, ġie kkonfermat li missier ir-raġel tagħha kien qiegħed ibati minn *malignant mesothelioma,* u kellu jiddaħħal l-Isptar diversi drabi sabiex jitneħħielu l-ilma mill-pulmun. Ix-xhud qalet li l-bidla fid-dehra u f'saħħet missier ir-raġel tagħha kienet waħda drastika, u konsegwenza tal-marda li ħakmitu dan tilef ħajtu f'temp ta' xahrejn. Ix-xhud ikkonkludiet li qabel saret id-dijanjosi fir-rigward ta' missier ir-raġel tagħha, hija ma kinitx taf li l-espożizzjoni għall-*asbestos* tista' twassal għal mard ta' dan it-tip.

Permezz ta' nota tal-14 ta' Ġunju, 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw kopja ta' tabella ppubblikata mill-Eurostat fir-rigward tal-GDP tal-pajjiżi individwali[12]; kopja ta' dokument intitolat *Mesothelioma PSLA Awards,* b'indikazzjonijiet dwar il-kumpens li għandu jingħata lil persuni li jkunu qegħdin isofru minn din il-marda[13]; kif ukoll dokument bid-data tal-14 ta' Marzu, 2018 maħruġ mill-

[12] *A fol.* 42 tal-proċess.
[13] *A fol.* 43 tal-proċess.

Qrati ta' Milan b'indikazzjoni dwar kif għandhom jiġu likwidati d-danni li jistgħu jingħataw f'kawżi ċivili minn dawk il-Qrati.[14]

Min-naħa tagħhom l-intimati ppreżentaw kopja tax-xhieda mogħtija minn **Joseph Saliba**, *Health and Safety Manager* tal-Malta Shipyard[15] fil-kawża suċċitata fl-ismijiet **George Spiteri *vs.* Policy Manager tal-Malta Shipyards et**, fejn spjega li f'dan ir-rwol huwa kien inkarigat mis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tat-Tarzna. Ix-xhud spjega li l-*asbestos* huwa materjal li jintuża f'diversi oġġetti, u l-aktar tip ta' *asbestos* li kien jintuża komunement fit-Tarzna kien dak magħruf bħala *white asbestos,* li huwa tip ta' *asbestos* li l-inqas li jagħmel ħsara. Ix-xhud qal li meta beda jiżdied l-għarfien dwar il-ħsara potenzjali li l-użu tal-*asbestos* jista' jikkawża, lejn nofs is-snin disgħin bdew jittieħdu diversi miżuri ta' protezzjoni, u huwa kien intbagħat jagħmel kors ta' taħriġ barra minn Malta sabiex ikun jista' jagħmel analiżi tal-fibri tal-*asbestos.* Żied jgħid li kien f'dan iż-żmien li fit-Tarzna bdew jinvestu f'tagħmir protettiv għall-ħaddiema tagħhom. Qal ukoll li fis-sena 1999 kien sar eżerċizzju fejn l-*asbestos* kollu li kien hemm fit-Tarzna nġabar, u ġie esportat b'mod legali 'l barra minn pajjiżna. Ix-xhud qal li miżura oħra li kienet tittieħed kienet li kull kaptan li kien idaħħal il-bastiment tiegħu f'Malta kien jiġi mistoqsi jekk kellux *asbestos* abbord, u fejn kien ikun hemm suspett li fuq vapur kien hemm xi komponenti magħmula mill-*asbestos,* kienet issir analiżi apposta, u fejn jinstab l-*asbestos,* kienet tiġi ssiġillata dik iż-żona tal-vapur. Ix-xhud qal li wara xi żmien iddaħħlu testijiet mediċi obbligatorji għall-ħaddiema li setgħu kienu f'kuntatt mal-*asbestos,* u kultant żmien dawn kienu jintalbu jmorru l-isptar għal vista medika. Ix-xhud qal ukoll li hu daħal jaħdem mat-Tarzna fl-1966, u minkejja li dak iż-żmien kien jingħata taħriġ lill-impjegati, il-kelma '*asbestos*'

[14] *A fol.* 75 tal-proċess.
[15] *A fol.* 105 tal-proċess.

qatt ma ssemmiet fit-taħriġ li ngħataw. Ix-xhud spjega li l-*asbestos* kien materjal li kien jintuża ħafna, anki barra mit-Tarzna, partikolarment fil-*brake linings* tal-karozzi, fil-*corrugated sheeting* f'uħud mis-soqfa, kif ukoll fit-tankijiet tal-ilma li jitpoġġew fuq il-bjut. Ix-xhud qal li kien instab ukoll li l-*asbestos* huwa l-aktar perikoluż meta jitqatta' jew jittaqqab, u jekk jintefa' l-ilma fuqu dan ikun inqas perikoluż.

L-intimati ppreżentaw ukoll kopja tax-xhieda mogħtija minn **Dr George Peplow**, fl-imsemmija proċeduri fl-ismijiet **George Spiteri vs *Policy Manager* tal-Malta Shipyards et**[16], fejn qal li kien jaħdem bħala konsulent dwar il-kwalità tal-arja, u fix-xogħol tiegħu għamel diversi analiżi ta' kampjuni ta' *asbestos* sabiex jiddetermina jekk hux perikoluż jew le. Qal li kien hemm istanzi fejn ittieħdet deċiżjoni li installazzjoni li kien fiha l-*asbestos* ikun aħjar jekk titħalla kif inhi u ma tinqalax, minħabba f'riskju akbar għas-saħħa tal-ħaddiema f'każ li l-*asbestos* jinqala'. Ix-xhud qal li l-għarfien dwar il-periklu ta' dan it-tip ta' materjal beda fis-snin sittin fuq skala internazzjonali, għalkemm il-kuxjenza dwar il-perikli ta' dan il-materjal u l-miżuri protettivi li għandhom jittieħdu bdew deħlin f'Malta lejn l-aħħar tas-snin disgħin. Ix-xhud spjega li l-użu ta' dan il-materjal kien wieħed mifrux għaliex kellu proprjetajiet tajbin għall-*insulation* u bħala *fire retardant,* u għaldaqstant l-*asbestos* kien anki jitħallat maż-żebgħa li tintuża fuq il-vapuri u fis-soqfa tad-djar. Żied jgħid li l-manifattura u l-importazzjoni tal-*asbestos* bħala materja prima fl-Ewropa twaqqfet fil-bidu tas-snin tmenin, għalkemm qal li l-użu ta' oġġetti li kellhom elementi tal-*asbestos* fihom ma kienx illegali. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li sakemm fl-arja ma jkunx hemm konċentrazzjoni ta' *asbestos,* ma jkunx hemm effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem.

[16] *A fol.* 114 tal-proċess.

L-intimati ppreżentaw ukoll *affidavit* ta' **Joseph Saliba**, li kien ilu jaħdem bħala *Health and Safety Manager* fil-Malta Shipyards minn Mejju tal-1993.[17] Qal li f'dan ir-rwol huwa kellu l-inkarigu li jara li l-prattiċi tax-xogħol kienu konformi mal-liġijiet tal-pajjiż, u li jsiru *random checks* sabiex jiġi assigurat li x-xogħol qiegħed isir skont ir-regolamenti u proċeduri stabbiliti għat-Tarzna. Ix-xhud qal li jeżistu sitt tipi ta' *asbestos,* u tlieta minnhom huma aktar komuni minn oħrajn. Żied jgħid li l-użu tal-*asbestos* mhux limitat għat-Tarzna, u hemm oġġetti oħra bħal tankijiet tal-ilma, pajpijiet u suffitti li jagħmlu użu minn dan il-materjal. Qal li dan il-materjal ikun perikoluż ħafna meta l-fibri tiegħu jkunu sospiżi fl-arja, minħabba li dawn il-fibri jdumu ma jissettiljaw. Spjega kif meta jintefa' l-ilma, il-fibri tal-*asbestos* jiġu eliminati mill-arja aktar malajr. Żied jgħid li l-għarfien dwar il-perikli tal-*asbestos* dam ħafna ma daħal hawn Malta, u sal-2012 kien għad hemm il-ħsieb li l-użu tal-*white asbestos* ma jagħmilx ħsara. Ix-xhud kompla jgħid li kif daħal dan l-għarfien dwar il-perikli ta' dan il-materjal, it-Tarzna bdew jieħdu miżuri protettivi għall-ħaddiema tagħhom, fosthom billi introduċew ilbies protettiv. Qal li f'nofs id-disgħinijiet l-għarfien kien kiber ferm, u meta kien ikun ser jiddaħħal vapur tal-passiġġieri għal *refurbishment* fit-Tarzna, kienu jinġiebu esperti minn barra sabiex jieħdu kampjuni tal-materjal u f'każ li kien jinstab l-*asbestos,* kienu jittieħdu miżuri protettivi. Ix-xhud qal ukoll li sussegwentement it-Tarzna bdiet tibgħat ukoll ħaddiema barra minn Malta sabiex jieħdu t-taħriġ meħtieġ dwar il-miżuri kollha li kellhom jittieħdu sabiex jitnaqqas il-periklu għall-ħaddiema.

L-intimati ppreżentaw ukoll l-*affidavit* ta' **Dr George Peplow**[18], li spjega li fil-liġi ssir distinzjoni bejn *asbestos* perikoluż u dak li mhux. Qal li sakemm il-livelli tal-*asbestos* fl-arja ma jkunux għoljin, u sakemm wieħed la jmiss u lanqas

[17] *A fol.* 123 tal-proċess.
[18] *A fol.* 125 tal-proċess.

jaqla' l-*asbestos,* dan ma jkun tal-ebda periklu. Qal li l-liġi lokali hija bbażata fuq direttivi tal-Unjoni Ewropea li jispeċifikaw li l-livelli tal-*asbestos* fl-arja ma jistgħux jeċċedu 0.01 fibra għal kull millilitru. Kompla jgħid li fir-rigward tal-vapuri, il-limitu huwa l-istess, iżda minħabba li l-ispazju fl-*engine room* huwa wieħed ristrett, il-liġi tistabbilixxi limitu ta' 0.1 fibri kull millilitru għal tul ta' tmien sigħat.

Permezz ta' *affidavit* ippreżentat fis-17 ta' Ġunju, 2019, **Margaret Baldacchino Cefai**[19], *officer in charge* mir-*records* mediċi fl-Isptar Mater Dei, iddikjarat li l-*files* mediċi tad-defunt George Vella mhumiex miżmuma aktar mill-Isptar minħabba l-*policy* li *files* mediċi jinżammu biss għal perijodu ta' għaxar snin mill-mewt ta' persuna. Permezz ta' *affidavit* ieħor bid-data tat-18 ta' Lulju, 2019[20], l-istess xhud qalet li l-*file* mediku tad-defunt George Vella kien ġie distrutt, u ma teżisti l-ebda verżjoni diġitali ta' dan il-*file.*

Ir-rikorrenti ppreżentaw dikjarazzjoni maħlufa tal-konsulent **Alexander Manché**[21], bid-data tal-25 ta' Settembru, 2019, li qal li d-defunt George Vella tilef ħajtu b'riżultat dirett tal-*malignant mesothelioma.*

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrenti, li huma wlied u eredi ta' George Vella, li miet fid-9 ta' Settembru, 1998 fl-età ta' sebgħa u sebgħin (77) sena, qegħdin jattribwixxu lill-intimati l-ħtija għall-mewt ta' missierhom, li għall-perijodu bejn it-30 ta' Marzu, 1959 u s-27 ta' Awwissu, 1982 kien impjegat

[19] *A fol.* 129 tal-proċess.
[20] *A fol.* 139 tal-proċess.
[21] *A fol.* 143 tal-proċess.

bħala *fitter* fit-Tarzna. George Vella miet bil-marda tal-*malignant mesothelioma,* kanċer tar-rita tal-pulmun, li kif jirriżulta mix-xhieda tal-esperti mediċi li xehdu f'kawżi oħra b'mertu simili għal dak tal-kawża odjerna, huwa kawża dirett ta' kuntatt mal-*asbestos*. Ir-rikorrenti jgħidu li tul il-ħajja lavorattiva tiegħu, missierhom kien kontinwament espost għal din is-sustanza, mingħajr ma qatt ingħata informazzjoni dwar il-perikli tagħha, jew dwar kif hu bħala ħaddiem seta' jipproteġi ruħu sabiex l-espożizzjoni tiegħu għal din is-sustanza ma tqegħdux f'riskju għal ħajtu. Ir-rikorrenti jgħidu wkoll li fiż-żmien meta missierhom kien jaħdem fit-Tarzna, l-*asbestos* kien jintuża mingħajr l-ebda kontroll, u dan minkejja li studji u riċerka dwar il-perikli ta' dan il-materjal, kienu jmorru lura għas-sena 1938. Skont ix-xhieda mogħtija mill-Professur Joseph Cacciattolo f'kawża oħra, l-ewwel ġurnali mediċi li ddokumentaw din ir-riċerka kienu ġew ippubblikati fis-snin sittin, u t-tobba f'Malta kellhom aċċess dirett għal dawn il-ġurnali u rivisti mediċi. Minkejja dan l-għarfien u l-pubblikazzjoni ta' din l-informazzjoni, Dr Ray Busuttil, li għal diversi snin serva bħala *Chief Government Medical Officer*, f'xhieda li ta fi proċeduri separati, qal li fil-pajjiż ma kien hawn l-ebda kampanja nazzjonali ta' informazzjoni dwar il-perikli tal-*asbestos.* Fi proċeduri separati Joseph Saliba, *policy manager* fil-Malta Shipyards, u Dr George Peplow, konsulent dwar il-kwalità tal-arja, it-tnejn li huma kkonfermaw li l-għarfien dwar il-perikli tal-*asbestos* beda dieħel f'pajjiżna lejn nofs is-snin disgħin, u kien biss lejn l-aħħar tas-snin disgħin li l-ħaddiema tat-Tarzna bdew jintalbu jagħmlu visti mediċi b'mod regolari, u jingħataw informazzjoni u apparat sabiex jipproteġu ruħhom waqt ix-xogħol. Mix-xhieda ta' dawn iż-żewġ persuni jirriżulta li kien biss f'dan iż-żmien li fil-pajjiż bdew jiddaħħlu miżuri effettivi sabiex jiġi kkontrollat l-użu tal-*asbestos* u bdew jinġiebu esperti minn barra biex jagħmlu

analiżi tas-sitwazzjoni tal-vapuri meta kien ikun hemm suspett li vapur seta' kellu fuqu komponenti tal-*asbestos.*

Ir-rikorrenti jikkontendu li ladarba l-intimati naqsu milli jipproteġu saħħet u ħajjet missierhom waqt il-qadi ta' dmirijietu, kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għall-protezzjoni tal-ħajja, u tar-rispett għall-ħajja privata u familjari tagħhom kif protetti bis-saħħa tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Permezz ta' din l-azzjoni, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lilhom mill-intimati għal-leżjonijiet sofferti minnhom. L-ewwel subinċiż tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> "33 (1). Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati."

Ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw ukoll l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-ewwel subinċiż ta' dawn iż-żewġ artikoli jaqra hekk:

> "2 (1). Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti wara li jiġi misjub ħati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena."

> "8 (1). Kulħadd għandu dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-famija tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu."

Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw in-ness dirett bejn il-marda tal-kanċer li ħakmet lil missier ir-rikorrenti u l-fatt li għal perijodu ta' aktar minn għoxrin sena, dan ħadem f'ambjent fejn kien espost direttament għall-*asbestos,* li eventwalment ikkawżalu l-marda li miet biha. Minkejja li s-sintomi tal-marda li

ħakmet lil George Vella feġġew madwar ħmistax-il sena wara li temm l-impjieg tiegħu mat-Tarzna, madanakollu jirriżulta wkoll li qabel ħakmitu din il-marda, missier ir-rikorrenti ma kellu l-ebda kundizzjoni jew mard kroniku ieħor, u l-intimati ma ġabu l-ebda prova li missier ir-rikorrenti seta' kkontratta l-marda minn xi sors ieħor għajr għall-espożizzjoni kontinwa għall-*asbestos* fuq il-post tax-xogħol tiegħu fit-Tarzna.

Mill-provi jirriżulta wkoll li kien biss lejn nofs is-snin disgħin li fit-Tarzna bdew jiddaħħlu miżuri protettivi intiżi biex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema mill-effetti tal-*asbestos,* u kien f'dak iż-żmien li kien hemm ħaddiema li bdew jingħataw taħriġ speċifiku dwar dan, beda jingħata ilbies u apparat protettiv lill-ħaddiema, kif ukoll bdew jittieħdu miżuri aktar drastiċi bħall-eliminazzjoni tal-*asbestos* bl-esportazzjoni tiegħu barra l-pajjiż b'mod regolat. Madanakollu l-għarfien u l-informazzjoni dwar il-ħsara kkawżata minn din is-sustanza kienu ilhom fid-dominju pubbliku għal bosta snin, u kien biss għax l-awtoritajiet tas-saħħa f'pajjiżna għażlu li jinjoraw jew ma jagħtux kas studji xjentifiċi u riċerka li kienet qiegħda tistabbilixxi ness dirett bejn ċertu tipi ta' kanċer u l-espożizzjoni għall-*asbestos,* li l-miżuri protettivi li ddaħħlu fid-disgħinijiet ma ddaħħlux qabel. Kien dan in-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-awtoritajiet tas-saħħa li wassal biex persuni bħal missier ir-rikorrenti jibqgħu fil-għama dwar ir-riskji li kienu qegħdin jiffaċċjaw ta' kuljum fuq il-post tax-xogħol tagħhom, u ma ngħataw l-ebda informazzjoni dwar kif setgħu jipproteġu lilhom infushom fuq il-post tax-xogħol biex jevitaw il-konsegwenzi. Isegwi għalhekk li minkejja dan l-għarfien dwar il-perikli tal-*asbestos,* l-Istat Malti naqas milli jieħu miżuri preventivi sabiex iħares saħħet diversi ħaddiema, fosthom missier ir-rikorrenti, bir-riżultat li bosta ħaddiema ikkontrattaw mard serju bħall-kanċer, u kien hemm uħud minn dawn il-ħaddiema li saħansitra tilfu ħajjithom b'konsegwenza ta' dan.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Brincat & Others *vs.* Malta**, tal-24 ta' Lulju, 2014[22], il-Qorti Ewropea qalet:

> *"The medical certification indicated that Mr Attard's death was likely to be a result of asbestos exposure; malignant mesothelioma is known to be a rare cancer associated with asbestos exposure. The Court observes that it has not been contested or denied that Mr Attard worked at Malta Drydocks for more than a decade (1959-1974), during which time he was repeatedly exposed to asbestos. Neither has it been shown that Mr Attard could have been contaminated elsewhere or that he was affected by other factors that could have led to the disease. In these circumstances, and given that Mr Attard has died as a result of his cancer, the Court considers that Article 2 is applicable to the complaint brought by the applicants in application no. 62338/11 relating to the death of the said Mr Attard.*
>
> *...*
>
> *Thus, as to whether the Maltese government knew, or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards – many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies taken at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument – that is, that information was at the time not as readily available as it is today – it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and the Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law, it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medical findings at the time.*

[22] Ref. 60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 u 62338/11.

*Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above), is in itself an implicit acknowledgment by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide health and safety measures in that respect.*

*Against this background, the Court concludes that for the purposes of this present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from asbestos at least as early as from the 1970s.*

*107. As to the fulfilment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had been exposed to asbestos. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos.*

*113. As to the duty to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives and the duty to provide such information, the Court notes that the Government submitted that no information reports were in fact available and that is was difficult for them to provide any information about the extent of any informative material given to the applicants. They noted, however, that the Occupational Health and Safety Authority (OHSA) provided preventive information and guidelines concerning the management and use of asbestos.*

*114. It would therefore appear that no information was ever collected or studies undertaken or reports compiled specifically about the asbestos situation at the applicants' place of work. Furthermore, the Government did not even argue that any general information was, in fact, accessible or made available to the applicants. Instead the Government, seemingly oblivious to the obligations arising from the Convention, opted to consider that it was not their responsibility to provide information at the outset and that anyone in such a work environment would in any case be fully aware of the hazards involved. The Court considers the latter statement to be in stark contrast to the Government's repeated argument that they (despite being employers and therefore well acquainted with such an environment) were for*

*long unaware of the dangers. The Court further finds inappropriate the Government's contention that the distribution of the above-mentioned masks was an implicit source of information. Additionally, in relation to the Government's reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could therefore not have been a source of information before that date. It follows that in practice no adequate information was in fact provided or made accessible to the applicants during the relevant period of their careers at the MDC.*

*...*

*116. The above considerations lead the Court to conclude that in view of the seriousness of the threat at issue, despite the State's margin of appreciation as to the choice of means, the Government have failed to satisfy their positive obligations, to legislate or take other practical measures, under Articles 2 and 8 in the circumstances of the present case."*

Il-Qorti tagħmel riferiment għad-deċiżjoni fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet **George Spiteri *vs. Policy Manager* tal-Malta Shipyards et**[23], li diġà sar riferiment ampju għaliha, fejn kien intqal illi:

"Dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali ma jħallu l-ebda lok ta' dubju għalhekk li huwa l-obbligu tal-Istat Malti li mhux biss ma jċaħħadx mid-dritt tal-ħajja lil xi persuna b'mod arbitrarju, iżda wkoll li jieħu wkoll dawk l-azzjonijiet jew miżuri pożittivi u preventivi raġonevolment meħtieġa u adegwati sabiex il-ħajja tal-persuni f'Malta tiġi protetta. Dan kollu jxejjen awtomatikament it-teżi tal-intimati fl-eċċezzjonijiet tagħhom li ksur tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni iseħħ biss meta tali privazzjoni tkun waħda "intenzjonata".

Dan l-obbligu fuq l-Istat li jieħu miżuri protettivi għall-ħarsien tal-ħajja jaċċentwa ruħu partikolarment f'ċirkostanzi ta' attivitajiet li min-natura tagħhom jesponu riskju u periklu akbar għall-ħajja tal-bniedem. Dwar dan il-punt il-QEDB qalet hekk dwar l-artikolu 2 fil-każ **Prilutskiy *vs* Ukraine** deċiż fis-26 ta' Frar 2015:

"*It entails above all a primary duty on the State to put in place a legislative and administrative framework designed to provide effective deterrence against threats to the right to life. This obligation indisputably applies in the particular context of dangerous activities, where, in addition, special emphasis must be placed on regulations geared to the special features of the activity in question, particularly with regard to the level of potential risk to human lives. Those regulations must*

[23] Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 23.11.2016.

*govern the licensing, setting up, operation, security and supervision of the activity and must make it compulsory for all those concerned to take practical measures to ensure the effective protection of citizens whose lives might be endangered by the inherent risks.*

*...*

*The scope of the positive obligation must be interpreted in a way that does not impose an unrealistic or disproportionate burden on the authorities, bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources. Accordingly, not every claimed risk to life can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent that risk from materialising. For the Court, and having regard to the nature of the right protected by Article 2, a right fundamental in the scheme of the Convention,* ***it is sufficient for an applicant to show that the authorities did not do all that could reasonably be expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge. This is a question which can only be answered in the light of the circumstances of any particular case (see Osman vs the United Kingdom, 28 October 1998, § 116, Reports of Judgments and Decisions 1998 VIII).***

*...*

Il-Qorti tqis li f'dan il-kuntest mhux biżżejjed li jiġi evalwat meta l-Gvern sar jaf bil-perikli assoċjati mal-*asbestos* iżda **meta seta' sar jaf b'dan.** A skans ta' ripetizzjoni jingħad li ġie muri b'mod mhux kontradett f'din il-kawża li prova xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall-*asbestos* mal-kanċer tmur lura għas-sena 1938, u ċioe għoxrin sena qabel ma George Spiteri daħal jaħdem it-Tarzna. Imbagħad, circa sentejn wara li Spiteri daħal it-Tarzna, ċioe fl-1960, it-tobba Maltin, u allura anke l-Gvern tramite l-awtoritajiet tas-Saħħa, kellhom a dispożizzjoni tagħhom, tramite bulettini mediċi Ingliżi, il-konferma tan-ness bejn l-*asbestos* u *pleural mesothelioma."*

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et *vs.* Tabib Prinċipali tal-Gvern**[24], f'kawża bl-istess mertu tal-kawża odjerna, dwar x'inhuma l-obbligi tal-Istat biex iħares is-saħħa taċ-ċittadini tiegħu, kien intqal:

"Fil-każ tal-lum, a bażi tal-provi prodotti, din il-Qorti ssib illi l-mewt ta' Andrew Psaila kienet ir-riżultat ta' sensiela ta' omissjonijiet da parti tal-Istat li, mhux biss ma aġġornax il-leġislazzjoni tal-pajjiż tempestivament, *pari passu* mal-għarfien li maż-żmien beda jiżdied tal-perikli tal-*asbestos* l-aktar meta jkun fi stat ta' *fibres* u tar-riskji tal-użu tal-*asbestos,* iżda wkoll meta l-Istat naqas palesament milli jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar miżuri ta' prevenzjoni tal-użu tas-sostanza bħala parti

[24] Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 31.01.2017.

mir-rutina tax-xogħol; ma' dawn miżuri ta' infurzar kontra l-perikli għas-saħħa tal-ħaddiema. L-assjem ta' nuqqasijiet fuq dan il-livell da parti tal-Istat ġab miegħu illi Andrew Psaila kien espost mill-*employer* tiegħu għall-użu tal-*asbestos* bħala parti mix-xogħol tiegħu bil-konsegwenza li ġarrab marda terminali li temmet ħajtu fl-età ta' 60 sena. Mhux sostenibbli l-argument tal-intimati illi fiż-żmien meta Psaila kkontratta l-marda, l-għarfien (*awareness*) dwar il-perikli tal-*asbestos* kien ġeneriku, u li kien biss fis-snin disgħin li bdiet toħroġ informazzjoni fuq bażi internazzjonali ta' kif għandu jsir l-immaniġġjar tal-*asbestos.* Din il-Qorti għamlet l-aċċertamenti tagħha u tgħid mingħajr l-iċken esitazzjoni li dan l-argument huwa fattwalment inkorrett. Hemm imbagħad ix-xhieda ta' Dr George Peplow u tal-Prof. Joseph Cacciattolo li tikkostitwixxi prova. Kontra ta' din il-prova, ma hemmx prova diretta u determinanti da parti tal-intimati. Għalhekk din il-Qorti mhix sejra titbiegħed minn dak fattwalment riskontrat mill-ECHR fil-każ ta' Brincat fis-sens li l-Istat Malti tramite l-awtoritajiet kompetenti kellu tagħrif għad-dispożizzjoni tiegħu iżda ma adottax miżuri ta' prevenzjoni fuq livell aktar wiesgħa li jolqot il-postijiet kollha tax-xogħol, aktar milli post wieħed li fil-każ ta' Psaila kienet it-Tarzna.

...

L-obbligu fuq l-Istat li jipprovdi informazzjoni dwar ir-riskji jew perikli ta' espożizzjoni beda jkun rikonoxxut bid-deċiżjoni tal-ECHR fil-każ ta' '**Guerra & Others *vs* Italy**', tad-19 ta' Frar 1998. Hemm il-Qorti rriferiet għal "*the right to assess risk factors connected with the activity of a nearby chemical factory".* Fil-każi ta' '**McGinley & Egan *vs* The United Kingdom**' (19 ta' Ottubru 2005) l-ECHR (l-aħħar każ il-Grand Chamber) affermat il-prinċipju illi "*respect for private and family life under Article 8 requires that an effective and accessible procedure be established which enables such persons to seek all relevant and appropriate information."* Id-dritt għall-aċċess ta' informazzjoni relatat ma' riskji li persuna tista' tiġi esposta għalihom (fil-każ in kwistjoni kienu għaddasa) kien trattat mill-ECHR fil-każ ta' '**Vilnes and Others *vs* Norway**' (5 ta' Diċembru 2013) fejn ingħad illi, "*the State's positive obligation to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives may, in certain circumstances, also encompass a duty to provide such information."*

Il-Qorti hija tal-fehma li fil-każ ta' George Vella, l-Istat Malti naqas milli jilleġiżla, idaħħal miżuri peventivi u protettivi, iniedi kampanji ta' informazzjoni u f'sens aktar wiesgħa naqas milli jipproteġi lil George Vella u lil ħaddiema oħra bħalu mill-effetti tas-sustanza tal-*asbestos* meta kien ilu magħruf li din is-sustanza hija waħda qerrieda u tikkawża ħsara irreparabbli għal saħħet il-ħaddiem, u dan għal parti sostanzjali taż-żmien meta l-istess

Vella kien impjegat tat-Tarzna. Li kieku l-Istat Malti u l-awtoritajiet Maltin għarfu jagħmlu użu f'waqtu mill-informazzjoni li kienet ilha disponibbli għal bosta snin dwar il-perikli ta' din is-sustanza, il-miżuri protettivi u regolatorji li ddaħħlu pjuttost tard lejn l-aħħar tas-snin disgħin, kien ikollhom l-effett li jħarsu l-ħajja u s-saħħa ta' missier ir-rikorrenti u ta' tant ħaddiema oħra li lkoll sfaw esposti għal din is-sustanza fuq il-post tax-xogħol tagħhom b'effetti irriversibbli fuq saħħithom.

Quddiem l-eċċezzjoni tal-intimati, li f'dan il-każ u f'każijiet oħra simili, l-Istat Malti ma kellu ebda intenzjoni li jqiegħed il-ħajja ta' George Vella f'periklu jew li b'xi mezz iċaħħdu mid-dritt għall-ħajja, il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'deċiżjoni fl-ismijiet **L.C.B. *vs* United Kingdom**[25] fejn intqal illi:

> *"... It has not been suggested that the respondent State intentionally sought to deprive the applicant of her life. The Court's task is, therefore, to determine whether, given the circumstances of the case, the State did all that could have been required of it to prevent the applicant's life from being avoidably put at risk."*

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem amplifikat ukoll dwar dan il-punt fid-deċiżjoni suċċitata fl-ismijiet **Brincat *vs.* Malta**, fejn intqal:

> *"79. The Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of unjustified force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction ((see, for example,* ***L.C.B. vs The United Kingdom,*** *9 June 1998, §36, Reports 1998 – III, and* ***Paul and Audrey Edwards,*** *cited above § 54).*
>
> *80. This obligation is construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities which by their very nature are dangerous, such as the operation*

[25] 09.06.1988.

> *of waste-collection sites (see **Öneryildiz v. Turkey** (GC) no. 48939/99, §71, ECHR 2004-XII) or nuclear testing (see **L.C.B.** cited above, §36) or cases concerning toxic emissions from a fertiliser factory (see **Guerra and Others v. Italy,** 19 February 1998, §§60 and 62, Reports 1998-I, although in this case the Court found that it was necessary to examine the issue under Article 2, it having been examined under Article 8).”*

Minkejja li t-test tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta huwa kemxejn differenti mit-test tal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, il-Qrati tagħna irrikonoxxew b’mod konsistenti li l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni għandu jingħata l-istess interpretazzjoni mogħtija lill-artikolu 2 tal-Konvenzjoni u minkejja li l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ma jitkellimx dwar id-dritt fundamentali tal-individwu li l-ħajja tiegħu tiġi protetta bil-liġi, il-Qrati tagħna għarfu li huwa f’dan l-ispirtu li għandu jinqara bih dan l-artikolu partikolari tal-Kostituzzjoni. Kif ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Jane Agius et *vs.* Avukat Ġenerali et**[26]:

> “L-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni: “Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta’ dan l-artikolu flimkien mal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhumiex eżattament l-istess bħat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza, “*Everyone’s right to life shall be protected by law.*” Dan il-prinċipju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frażi tal-artikolu 2. Wieħed jista’ jirraġuna li din il-frażi tħalliet barra appożitament u għalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indħil dirett mill-Istat.
>
> Iżda dan l-artikolu għandu jingħata l-istess applikazzjoni bħall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett hu paċifiku li r-responsabbilità ġuridika temani mhux biss fuq att pożittiv u dirett, imma anke minn att ta’ omissjoni fejn persuna tonqos milli tagħmel dak li hu mistenni raġonevolment minnha. Att ta’ omissjoni jista’ jkun leżiv daqs att ta’ kommissjoni. “Inoltre, l-obbligazzjoni sanċita bl-artikolu 33 hija waħda essenzjalment tal-protezzjoni tal-ħajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat għandu jkun marbut mhux biss milli jindaħal fit-tgawdija ta’ tali dritt imma anke li jieħu miżuri protettivi biex jassigura t-tħaris tad-dritt; altrimenti dan l-artikolu jkun wieħed dgħajjef u ineffettiv.”

[26] Prim’Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 15.01.2015.

Hekk stabbiliti l-leżjonijiet tal-jeddijiet fundamentali sofferti mir-rikorrenti, jifdal biss li l-Qorti tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrenti għal dan il-ksur. Il-Qorti sejra tagħmel dan tenut kont ta' għadd ta' deċiżjonijiet oħra mogħtija mill-Qrati tagħna f'kawżi b'mertu simili, u partikolarment ta' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fl-ismijiet **John Formosa et *vs.* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et**[27], fejn il-Qorti għamlet diversi osservazzjonijiet dwar il-komputazzjoni tad-danni morali li għandhom jitħallsu f'kawżi simili. F'dawk il-proċeduri, ir-rikorrenti, ilkoll eredi ta' Salvatore Formosa li kien miet fit-23 ta' Ottubru, 1978 fl-età ta' 62 sena wara li huwa wkoll kien inħakem mill-marda tal-*malignant mesothelioma,* u li wkoll kien jaħdem fit-Tarzna, kienu appellaw mid-deċiżjoni tal-Prim' Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) li kienet illikwidat il-kumpens li kellu jitħallas lilhom fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf Euro (€21,000), u talbu li l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lilhom m'għandux ikun anqas minn tletin elf Euro (€30,000). In sostenn tal-pretensjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti appellanti għamlu riferiment għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et *vs.* Tabib Prinċipali tal-Gvern et**, u għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Brincat *vs.* Malta**, fejn il-familjari ta' ħaddiema li mietu kawża tal-*asbestos* ingħataw danni non-pekunjarji ta' tletin elf Euro (€30,000) kollettivament. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Il-Qorti tosserva ulterjorment li llum, u minħabba l-fattispeċje tal-każ odjern, din il-Qorti taqbel ma' dak osservat mill-Qorti ta' Strasburgu **Brincat and Others *vs* Malta**[28] fejn, filwaqt li tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proċeduri f'Malta f'dak il-każ, ġie riaffermat li fil-każijiet ta' leżjoni tal-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'ċirkostanzi applikabbli, tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, għandu dejjem ikun possibbli bħala rimedju l-ħlas ta' danni mhux pekunjarji.
> ...

[27] 05.10.2018.
[28] 24.07.2014.

Skont ir-rikorrenti, l-ewwel Qorti ma ħaditx kont tal-*quantum* tal-kumpens likwidat mill-Qorti Ewropea fil-każ ta' **Brincat and Others *vs* Malta**. Din il-Qorti tosserva illi f'dan il-każ appena ċitat, il-Qorti Ewropea llikwidat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €9,000 għal-leżjoni tal-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni fil-każ ta' diversi vittmi li, għalkemm ġie stabbilit li saħħithom ġiet affettwata negattivament u serjament b'espożizzjoni għall-*asbestos,* kienu għadhom ħajjin meta ġie deċiż il-każ. Ir-rikorrenti jagħmlu wkoll referenza għall-każ **Mary Grace Farrugia et *vs* Tabib Prinċipali tal-Gvern et**, deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2017, fejn il-kumpens li ngħata, bħal fil-każ ta' **Brincat *vs* Malta**, kien ta' €30,000.

Din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi ċ-ċirkostanzi ta' dawn iż-żewġ każijiet ċitati minnhom fir-rikors tal-appell, huma analogi għal dawk tal-każ odjern fil-mertu ċentrali tagħhom in kwantu fit-tliet każijiet, il-vittmi kollha kienu eks-impjegati tal-Malta Drydocks, kienu jaħdmu fl-istess perijodu ta' żmien bħala ħaddiema ġewwa t-Tarzna, kienu kollha esposti għall-*asbestos* fuq il-post tax-xogħol tagħhom, u lkoll mietu b'kundizzjonijiet li kienu kaġun tal-espożizzjoni kontinwa tagħhom għal *asbestos.* Il-Qorti tosserva li, dawn il-kriterji, magħdud magħhom ukoll it-tul taż-żmien tal-marda li l-vittmi sofrew qabel ma mietu, u l-ansjetà u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, sa ċertu punt, l-età tal-vittma, huma fatturi rilevanti biex jiġi liwkidat kumpens għal danni non-pekunarji lill-eredi tal-vittmi.

Din il-Qorti tħoss li huwa importanti li jiġi spjegat u senjalat li l-fattur tal-età tal-mewt tal-vittma għandu piż qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, għax għandu jirriżulta ċar li, hemm differenza kbira bejn il-każ fejn il-marda qerrieda tkun ħakmet persuna f'età relattivament żgħira bħal ngħidu aħna 60 sena circa u fil-każ fejn il-marda tkun ħakmitu meta l-persuna kienet qabżet is-70 sena. Meta l-vittma jkun ġie privat minn ħajtu f'età relattivament żgħira, il-familjari tiegħu jkunu ġew privati mill-preżenza u mill-kumpanija tiegħu għal numru ta' snin li kieku ma ħakmitux il-marda, u hekk ġara fil-każ odjern fejn Salvatore Formosa miet ta' 62 sena.

Fattur ieħor li fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jiġi senjalat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taż-żmien li matulu l-vittma dam isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tiegħu jkunu sofrew ansjetà u dwejjaq meta kienu jaraw lil missierhom ibati, minħabba l-marda, sakemm miet. Iżda fil-każ odjern hija manifestment mankanti l-prova ta' kif u f'liema grad il-marda affettwat lil John Formosa u kemm ipperdurat il-marda qabel ma eventwalment miet. Ma tressqet l-ebda prova fir-rigward mir-rikorrenti, u dan in-nuqqas mingħajr dubbju kellu effett fuq kif l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha."

Il-Qorti sejra tapplika dawn il-prinċipji kif enunzjati għall-każ odjern, fejn jirriżulta li George Vella miet fl-età ta' 77 sena, u li dan kien marad madwar

16-il sena wara li kien irtira mill-impjieg li kellu fit-Tarzna. Jirriżulta wkoll minn dak li xehdet Antonia Vella, mart wieħed mir-rikorrenti, li sakemm id-defunt George Vella beda jħoss l-ewwel sintomi tal-marda li ħakmitu madwar sena qabel miet, dan kien relattivament f'saħħtu u ma kien ibati minn l-ebda mard kroniku. Din ix-xhud qalet ukoll li missier ir-raġel tagħha miet ftit tax-xhur wara d-dijanjosi tal-marda. Dan ifisser li għal perijodu konsiderevoli ta' żmien wara li kien spiċċa mill-impjieg tiegħu mat-Tarzna, missier ir-rikorrenti għex ħajja attiva, kien b'saħħtu u ma kellu l-ebda wġigħ jew problemi oħra li affettwawlu l-kwalità tal-ħajja, filwaqt li kien fl-aħħar xhur qabel miet li l-kwalità tal-ħajja tiegħu u tal-aktar persuni viċin tiegħu, li bdiet tiddeterjora. Applikati għall-każ odjern l-prinċipji esposti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **John Formosa et *vs* Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika)**, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens li għandu jiġi likwidat favur ir-rikorrenti f'dan il-każ, għandu jkun fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf Euro (€21,000).

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati;**

2. **Tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti billi tiddikjara li dawn sofrew ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom, senjatament dawk sanċiti bl-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u bl-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas mill-intimati lir-rikorrenti bħala wlied u eredi tad-**

**defunt George Vella, fis-somma ta' wieħed u għoxrin elf Euro (€21,000).**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-intimati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**